MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## JOSEPH BONNICI

Seduta ta' l-14 ta' Ottubru, 2004

Talba Numru. 2455/2003

**Fogg Insurance Agency Limited u din ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` estera Norwich Union International Insurance Limited hekk kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Brian Farrugia abbazi tal-polza ta' assikurazzjoni tat-tip comprehensve u tal-ligi u l-istess Brian Farrugia**

**Vs**

**Pamela Caruana**

It-Tribunal,
Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-10 ta' Dicembru 2003 fejn is-socjeta` attrici talbet sabiex il-konvenuta thallas is-somma ta' Lm104.50 (mija u erba` Lira Maltin u hamsin centezmu) rapprezentanti ta' danni kkagunati f'incident awtomobilistiku f'Haz-Zabbar.

Fl-Avviz tat-talba intqal li:-

L-ammont mitlub ta’ mija u erba` Liri Maltin u hamsin centezmu (Lm104.50) jirraprezenta d-danni kollha sofferti mill-attur Brian Farrugia assigurat tas-socjeta` attrici Fog Insurance Agencies Limited noe, u li ghalihom ghamlu tajjeb, kwantu ghall-ammont ta’ disgha u sebghin Lira Maltin u hamsin centezmu (Lm79.50), is-socjeta` attrici Fogg Insurance Agencies Limited u kwantu ghall-ammont ta’ hamsa u ghoxrin Lira Maltin (Lm25) l-istess Brian Farrugia in linea ta’ excess payment, bhala rizultat ta’ l-incident awtomobilistiku li sehh fl-4 ta’ Novembru 2002 ghall-habta tat-8:00am gewwa Triq is-Santwarju, Zabbar, bejn il-vettura propjeta` ta’ l-attur Brian Farrugia, bin-numru ta’ registrazzjoni DAH 114 u l-vettura misjuqa mill-konvenuta bin-numru ta’ registrazzjoni IAA 582, liema incident sehh unikament bhala rizultat ta’ traskuragni, negligenza, imperizja u non-osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenuta.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tas-6 ta’ Gunju 2003 u ta’ l-ittra ufficjali li qed tintbaghat kontestwalment ma’ dan l-att lis-socjeta` assikuratrici Citadel Insurance plc, u interessi legali mid-data tan-notifika ta’ l-imsemmija ittra ufficjali tas-6 ta’ Gunju 2003 kontra l-konvenuta li tibqa` minn issa ingunta ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta fejn inghad:-
It-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt, u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra taghhom, stante li l-incident awtomobilistiku in kwistjoni ma sehhx b’tort tal-konvenuta izda b’tort tal-attur Brian Farrugia, u ghalhekk il-konvenuta m’ghandha taghmel tajjeb ghal ebda danni.

Salv eccezzjonijiet ohra.

Bl-ispejjez.
Sema` x-xhieda u ezamina d-dokumenti.

Ikkonsidra:
Illi l-versjoni moghtija mill-konvenuta 'a tempo vergine' lil-pulizija li investiga l-kaz, kif konfermata seduta stante tikkostitwixxi l-ammissjoni taghha ghar-responsabbilta ta'

dan il-kaz. Iddeskriviet kif gara l-kaz. Qed tirriversja harset in-naha kontra fejn kienet il-vettura attrici u laqtitha. Il-hsara kienet minima. Dan il-kaz seta facilment jigi risolt barra l-Qorti.

Id-danni ma gewx kontestati u ghalhekk qed jigi ammessi.

Jiddeciedi billi jichad l-eccezzjoni tal-konvenut, jilqa' t-talbiet attrici jikkundanna lil konvenuta thallas lill-atturi s-somma ta' mija u erba' Liri  (Lm104) bl-interessi u spejjes kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------